# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Diċembru, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1080/11 TA**

**Angelo Callus [K.I. 0241572(M)]**

**vs**

**Philip Fenech [K.I.843746 (M)] u**

**Carmelo sive Charles Fenech [K.I. 938745(M)]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur preżentat fit-3 ta' Novembru 2011 u maħluf minnu fl-1 ta' Novembru 2011 li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

"A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi r-rikorrenti ilu fil-pussess tar-raba maghrufa bhala "Ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin fil-limiti ta' Hal-Far kif maghrufa ukoll bhala "Clausura ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin" fil-limiti ta' Hal-Far kkonfinanti mil-Lbic ma triq pubblika bla isem, mit-Tramontana u Majestral ma sqaq komuni bla isem ghal aktar minn mitt (100) sena liema raba kienet precedentement ghand il-familja tieghu u aktar ricenti ghandu u kienet ghadha tinhadem mir-rikorrenti u precedentement mill-familjari tieghu tant li kienet tithallas il-qbiela lill familja Cassar Desain;

2. Illi recentement u cioe fil-15 ta' Settembru 2011 u fil-granet ta' wara r-rikorrenti sab li l-intimati jew min minnhom qabdu u ghamlu xatba kbira gewwa kif ukoll qabdu u ghamlu blokki tal-konkriet fl-ghalqa hawn fuq imsemmija cioe r-raba maghrufa bhala "Ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin fil-limiti ta' Hal-Far kkonfinanti mil-Lbic ma triq pubblika bla isem, mit-Tramontana u Majestral ma sqaq komuni bla isem biex mbarrawlu l-access shih u liberu ghall-istess ghalqa (Kif jidher mill-annessi ritratti mmarkati bhala "Dokument "AC1" sa "AC3");

3. Illi l-agir taghhom l-intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront u ghad-dannu tar-rikorrenti;

4. Illi minkejja li r-rikorrenti interpella u oggezzjona mal-intimati sabiex jergghu jpogguh fl-istess posizzjoni li kien qabel ma kkommettew dan l-ispoll vjolenti dawn xorta wahda qabdu u ghamlu dik ix-xatba u l-blokki tal-konkos biex jimbarrawlu l-access u baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din l-kawza;

5. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

Illi r-rikorrenti ilu fil-pussess tar-raba maghrufa bhala "Ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin fil-limiti ta' Hal-Far kif maghrufa ukoll bhala "Clausura ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin" fil-limiti ta' Hal-Far kkonfinanti mil-Lbic ma triq pubblika bla isem, mit-Tramontana u Majestral ma sqaq komuni bla isem ghal aktar minn mitt (100) sena liema raba precedentement ghand il-familja tieghu u aktar recenti ghandu liema ghalqa kienet u ghadha tinhadem mir-rikorrenti u precedentement mill-familjari tieghu tant li kienet tithallas il-qbiela lill-familja Cassar Desain b'dana illi huwa spicca li ma jistax jibqa juza u jahdem dina l-ghalqa minhabba li l-intimati qabdu u b'mod vjolenti ghamlu xatba (gate) u blokki tal-konkos biex imbarraw l-access shih u liberu ghall-istess ghalqa u ghalhekk cahhduh mill-pussess tal-imsemmija ghalqa;

C. TALBIET TAR-RIKORRENTI

Ghaldaqstant ir-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

a) Tiddikjara illi bl-agir tieghu, l-intimati Philip Fenech u Carmelo Fenech ikkomettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti;

b) Sussegwentement tikkundanna lill-istess intimati jispurgaw l-ispoll minnhom kommess billi jergghu jirrintegraw lir-rikorrenti u jaghtuh access shih u liberu tal-imsemmi tar-raba maghrufa bhala "Ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin fil-limiti ta' Hal-Far kif maghrufa ukoll bhala "Clausura ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin" fil-limiti ta' Hal-Far kkonfinanti mil-Lbic ma triq pubblika bla isem, mit-Tramontana u Majestral ma sqaq komuni bla isem;

c) Tikkundanna lill-istess intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju, ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, jnehhew ix-xatba (gate) u l-blokki tal-konkos u l-oggetti kollha li saru biex jimbarraw l-access shih u liberu lir-rikorrenti biex jkun jista' jerga jigi ri-ammess fil-pussess shih u liberu u jkun jista jidhol u johrog u jahdem l-imsemmija raba maghrufa bhala "Ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin" fil-limiti ta' Hal-Far kkonfinanti mil-Lbic ma triq pubblika bla isem;

d) Tordna illi fin-nuqqas li dan isir tawtoirzza lir-rikorrenti li jaghmel dak kollu mehtieg billi jnehhi x-xatba (gate) u l-blokki tal-konkos u l-oggetti kollha li saru biex jimbarraw l-access shih u liberu lir-rikorenti halli jkun jista' jerga jigi ri-ammess fil-pussess shih u liberu u jkun jista' jidhol u johrog u jahdem l-imsemmija raba maghrufa bhala "Ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin fil-limiti ta' Hal-Far kif maghrufa ukoll bhala "Clausura ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin" fil-limiti ta' Hal-Far kkonfinanti mil-Lbic ma triq pubblika bla isem u dan bl-ghajnuna, jekk jkun mehtieg, tal-ufficjali tal-Pulizija u dawk tal-Qorti, u dan kollu ghas-spejjes tal-istess intimati.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti Fenech preżentata u maħlufa fis-16 ta' Diċembru 2011 minn Philip Fenech li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda billi ma jirrikorruz r-rekwiziti mehtiega bil-ligi sabiex tirnexxi din l-azzjoni.

2. Illi f'kull kaz, l-eccepjenti mhumiex il-legittimi kontradditturi fl-azzjoni proposta.

3. Illi konsegwentement l-eccepjenti ma kkommettew ebda spoll ghad-dannu tal-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat il-verbali fl-atti tal-kawża numru 1118/2012 fl-ismijiet Fenech Plant Hire Limited vs Callus Angelo datati 9 ta' Lulju 2018, 29 ta' Ottubru 2018 u 11 ta' Diċembru 2018 fejn il-partijiet qablu li l-provi f'dik il-kawża għandhom japplikaw ukoll bħala provi fil-kawża odjerna fl-ismijiet premessi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-23 ta' Settembru 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-kawża tikkonċerna raba' magħrufa bħala "Ta' Bur ta' Ħarrub ta' Kortin" fil-limitu ta' Ħal-Far magħrufa wkoll bħala "Clausura ta' Bur ta' Ħarrub ta' Kortin". Bis-saħħa ta' kuntratt datat 19 ta' Diċembru 1991 din ir-raba' ġiet trasferita mil-familja Cassar Desain a favur is-Soċjetá Fenech Plant Hire Limited kif rappreżentata mill-intimat Carmelo Fenech (a' fol 124).

**2.** Fil-15 ta' Settembru 2011 u fil-ġranet sussegwenti, l-konvenuti Fenech iddeċidew jgħalqu kull aċċess għal din l-għalqa billi installaw xatba tal-injam u blokki tal-konkrit (ara premessa 2 a' fol 1, affidavit tal-Attur a' fol 20 para 8 sa u 9, affidavit tal-konvenut Charles Fenech a' fol 103 para 11, affidavit tal-intimat Philip Fenech a' fol 106 para 12 u ritratti a' fol 5 sa 7).

**3.** Permezz ta' din l-azzjoni, s-Soċjetá Attriċi qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-egħluq ta' l-aċċess mill-Intimati Fenech jammonta għal spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-istess Attur.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Il-liġi tikkontempla din l-azzjoni taħt l-Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif insenjat, f'azzjoni bħal din *"'ma ghandux jitqies hlief il-pussess jew detenzjoni tal-ispoljat u l-ispoll tal-ispoljatur" ("Salvatore Abela –vs Gisueppe Barbara", Prim'Awla, Qorti Civili, 27 ta' Frar 1946, a Vol XXXII pII p238). Huwa ghalhekk li l-ligi (Art 791 (a) Kap 12) u d-dottrina legali ma jippermettux f'kawza ta' din ix-xorta hlief eccezzjonijiet dilatorji. Dan ghaliex l-obbjettiv taghha huwa t-tutela tal-pussess. Huwa dan illi jaghmilha differenti mill-azzjoni petitorja fejn il-fondament u l-iskop taghha huma r-rikonoxximent u t-tutela tad-dritt ("Generoso Cutajar –vs Emmanuele Cutajar", Prim'Awla, Qorti Civili 22 ta' Ottubru 1953). Huwa ghalhekk li l-gurisprudenza tipprojbixxi l-kumulu taz-zewg azzjonijiet: dik possessorja u dik petitorja ("Massa –vs- Padre Angelico Pace noe", Appell Civili, 27 ta' Mejju 1912; "Paul Buttigieg –vs Raymond Buttigieg", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000). Kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Maria Dolores Mifsud –vs- Michele Galea", Appell, 29 ta' Marzu 1957, "l-azzjoni possessorja privileggjata tipprexxindi mit-titolu tal-proprjeta`". Dan ghaliex "kellu jew ma kellux drittijiet dominikali dak il-pussess jaghtih dritt li jezercita l-azzjoni possessorja privileggjata; salv kull xorta ta' azzjoni petitorja li jista' jkollu l-konvenut, li hija ezercibbli b'kawza ohra, 'si et quatenus'." Difatti jinsab ritenut ukoll illi f'azzjoni ta' din in-natura "l-ispoljant ma jistghax jirrispondi 'in difesa' li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita` jew le hija rizervata ghall-gudizzju petitorju". ("Alfredo Delia – vs-*

*Bonoventura Schembri et", Prim'Awla, Qorti Civili, 4 ta' Frar 1958). Dan igib bhala konsegwenza illi "f'materja ta' spoll ma tistax tigi permessa ebda eccezzjoni qabel ma jigi reintegrat l-ispoll ("spoliatus ante omnia restituendus") – ("Vincenza Sammut et –vs- Salvatore Camilleri", Prim'Awla, Qorti Civili, 19 ta' Novembru 1952). Tibqa' dejjem valida l-enuncjazzjoni tal-Qorti illi l-artikolu tal-ligi (Art 535 (1) tal-Kodici Civili) li jikkontempla l-azzjoni de qua huwa ta' ordni pubbliku u ghalhekk din l-azzjoni "hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pusses, u jigi impedut lic-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat" – "Margherita Fenech –vs- Pawla Zammit", Prim'Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1958."* (**Nicholas Micallef vs Henry Pace**, 31 ta' Jannar 2003, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Jannar 2003).

**5.** Kif ripetutament imfisser mill-Qrati tagħna, għall-eżerċizzju b'suċċess ta' din l-azzjoni jeħtieġ li jiġu sodisfatti tlett elementi klassiċi u ċjoe li (1) l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse)*; (2) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u (3) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll (*infra bimestre deuxisse*) (ara fost oħrajn **John Micallef et vs Francis Fava et**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Settembru 2006).

**6.** Fl-aħħar nett, fid-dawl tat-tul esaġerat, bla bżonn u kontra kull sens ta' raġuni li din il-Kawża ilha pendenti , tfakkar li din hija azzjoni , apparti li hija maħsuba li tkun skarna u cioe' ħielsa minn kull indaġini dwar it-titolu, hija wkoll **suppost** konċepita li tkun rapida propju minħabba l-karattru ta' ordni pubbliku tal-istess azzjoni kif fuq spjegat (ara **Sentenzi fl-ismijiet Carlo sive Charles Cardona et -vs- Francesco Tabone tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Marzu 1992** u kif ukoll dik **tal-Prim Awla fl-ismijiet Mariano Farrugia et nomine -vs- Peter Paul Cutajar tat-23 ta' Ottubru 1998**). Din il-Kawża l-pendenti għal ben tnax-il sena! Kull kumment ieħor f'dan ir-rigward ikun superfluwu.

## <u>Konsiderazzjonijiet</u>

**7.** Fir-risposta tagħhom l-Intimati laqgħu għal din l-azzjoni billi ssollevaw l-infondatezza tagħha għaliex "*ma jirrikorrux ir-rekwiżiti meħtieġa bil-liġi sabiex tirnexxi din l-azzjoni.*" (ara l-ewwel eċċezzjoni a' fol 13).

**8.** Iżda fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenuti iddikjara li għandu jinsisti biss fuq il-kap ta' l-ispejjeż fis-sens li dawn jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u mhux iktar fuq il-mertu tal-azzjoni. Il-konvenuti kif jsejsu din il-pretensjoni fuq fatt li ġie magħruf waqt l-aċċess kondott min din il-Qorti fit-22 ta' Jannar 2019. L-Attur preżentament għandu l-pussess sħiħ tar-raba in kwistjoni.

**9.** Minn dan il-fatt, il-konvenuti jaslu għal żewġ konklużjonijiet konfliġġjenti: li l-mertu tal-azzjoni huwa eżawrit u li l-Attur ikkommetta spoll ieħor fuq l-ispoll kommess mill-konvenuti.

**10.** Il-Qorti tirrileva li tali konklużjonijiet ma jistgħux ireġu billi, apparti li huma intrinsikament kontradittorji, huma għal kollox nieqsa min kull fondament ġuridiku, legali u fattwali.Sabiex il-mertu jista jitqies tassew eżawrit, l-Intimati riedu jneħħu ix-xatba u l-blokki tal-konkos minnhom istallati appożitament sabiex jimbarraw l-aċċess għar-raba in kwistjoni, kif hekk ġie ammess minnhom stess fl-affidavit tagħhom (ara fol 102 u 105).

**11.** Dan ma sarx, tant li x-xatba u l-blokok tal-konkrit għadhom fuq il-post. Ghalhekk l-elementi fattwali tal-ghemil spolljattiv għadu jippersisti. Isegwi, li l-mertu għadu għal kollox attiv u għandu għalhekk jiġi kkunsidrat u determinat minn din il-Qorti.

**12.** F'din id-determinazzjoni, l-Qorti għandha tħares il-prinċipju ben not fil-ġurisprudena tagħna li "*Qorti għandha toqgħod fuq il-kawżali u t-talba dedotta u xejn iżjed (**Vol. XXXIX P I p 243**)*" (**Godwin Azzopardi v. Paul Azzopardi**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Jannar 2003**).

**13.** Il-Qorti tagħraf li l-pussess attwali tal-attur minnu nnifsu ma jnaqqas xejn mill-elementi legali li jridu jiġu sodisfatti sabiex effettivament jiġi determinat jekk tassew jissussistix dan l-ispoll. Biex l-Attur jeċċedi għal din ir-raba xorta jrid jiftaħ u jgħaddi mill-bieba tax-xatba installata mill-konvenuti

stess (ara aċċess fl-atti tal-kawża numru 1118/12TA a' fol 155 u trattazzjoni a' fol 2: "***Dr. Phyllis Aquilina:*** *Jien ghamilt verbal li meta morna għall-access aħna rajna illi hu fetaħ, hu tagħna aċċess biex dħalna mal-Qorti u rajna din l-għalqa u ... hu jammettiha, iva l-pussess għandi qiegħed u baqa' għandi b'mod kontinwu anke wara li għamluli l-gate għax jien bqajt fl-għalqa bqajt nidħol u bqajt naħdimha. That's the whole point.* ***Qorti:*** *Din il-gate li għamilt referenza għaliha …* ***Dr. Phyllis Aquilina:*** *Tidher fir-ritratti esebiti.* ***Qorti:*** *Hija l-gate li għamluha l-klijenti tiegħek?* ***Dr. Phyllis Aquilina:*** *Iva.*").

**14.** Dan ifisser, li l-pussess attwali mill-Attur sar possibbli mhux għax seħħew it-tlett elementi neċċessarji sabiex att spoljattiv jista jiġi nvokat b'suċċess, iżda unikament għaliex fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-Konvenuti ddeċidew li jħalluh jidħol billi jagħtuh aċċess mix-xatba installata minnhom stess. Jibqa' ukoll il-fatt li din hija fattwalment ix-xatba **li tweħħlet mill-konvenuti**. Fin-nota tiegħu l-attur jgħid li dan sar fuq ordni għaldaqshekk ta' din il-Qorti (a' fol 340 para 36). Iżda xejn minn dan ma jirriżulta fl-atti tal-kawża. Hi x'inhi r-raġuni wara din id-deċiżjoni tal-Konvenuti, bħala fatt l-att spolljattiv reklamat mill-Attur f'din l-azzjoni għadu jippersisti u għalhekk il-Qorti hija marbuta li tindagah u tiddetterminah.

**15.** Dan jirrigwarda wkoll l-effetti ta' reintegrazzjoni għall-*status quo ante* l-att spoljattiv. Di Fatti Il-Pacifici Mazzoni jispjega hekk:

*"L azione di reintegrazione ha per effetto il fare reintegrare nel possesso chi ha sofferto lo spoglio violento e clandestino , e piu' generalmente il <u>far</u>*

*riporre le cose nello stato in cui si trovavano prima dello spoglio*" (Emfażi ta' din il-Qorti. **Amadeo Pacific-Mazzoni , Istituzioni di Diritto Civile , Pg 405 ,Vol III , 2nd edition , Firenze 1873**). Fost *"le cose"* li jirdu jkunu reintegrati fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huma xatba u blokkok tal-concrete u dan indipendentement mill-fatt ta' jekk l-Attur illum reġax daħal fl-għalqa msemmija.

**Possedisse (pussess)**

**16.** Ġie ritenut għar-rigward ta' dan l-element li "*Il-pussess mehtieg huwa dak materjali de facto ikun x'jkun (Vol.XXXVII.II.642 u Vol.XXXVIII.I.280) u mhix mehtiega l-prova li l-attur juri illi ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza inkella bil-mohbi tieghu. Anzi hemm ir-rekwisit tal-pussess anke meta l-ispoljat ikollu semplici detenzjoni. Il-prova li jrid jaghmel l-attur huwa ta' possesso di fatto, pussess li ma ghandux bzonn ikun ta' zmien twil izda jista' jkun qasir hafna u sahansitra tal-mument.*" (ara **Sentenza fl-ismijiet John Mifsud et -vs- John Giordemaina et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 23 ta' April 2012**).

**17.** Li l-Attur kellu fil-fatt dan il-pussess materjali joħroġ inkonfutabbilment mill-atti kif dettaljatament analizzati mill-attur stess fin-nota tiegħu (a' fol 334 sa 337). Mal-provi hemm metikolożament valutati, l-Qorti żżid ukoll l-irċevuti tal-qbiela mħallsa mir-rikorrenti fuq l-għalqa in kwistjoni għas-snin 2006 sal-2009 preżentati minnu (a' fol 45 sa 49 fl-atti tal-kawża numru 2228/2012). Dawn ġew preżentati wkoll mill-Marhcesina

Vivienne Cassar Desain waqt ix-xhieda tagħha (fol 81 sa 83). Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-Award mogħti mill-Malta Arbitration Centre fil-21 ta' Awwissu 2019 fl-ismijiet Angelo Callus vs Agenzija tal-Pagamenti, ippreżentat mill-attur (ukoll fl-atti tal-kawża nmru 1118/2012 a' fol 162). Il-provi hemm miġbura wasslu lill-arbitru sabiex jikkonkludi li l-Attur Angelo Callus "*ilu jaħdem ir-raba'* [mertu tal-kawża odjerna] *bħala part-time farmer u ilu reġistrat mal-Għammieri dsatax -il sena, fuq liema raba dejjem tħallset qbiela b'riċevuti li jmorru lura sal-1969 ... Għalkemm Philip Fenech* [hawn konvenut] *ippreżenta applikazzjoni mal-Aġenzija intimata, minn imkien ma jirriżulta li dan kien qatt jaħdem dik l-art. ....Min imkien ma jirriżulta li kien hemm xi persuna oħra għajr ir-rikorrent li kien jaħdem l-art in kwistjoni.*" (ara fol 176).

**18.** Għalhekk jirrisulta ċar, li l-Attur kellu pussess sħiħ tar-raba' mingħajr ix-xatba u blokkok fuq imsemmija.

**<u>Spoliatum fuisse</u>**

**19.** Jibda biex jinghad li dawn il-Qrati stabbilew li "*Ghall-fini tal-azzjoni odjerna, mhix ammissibbli ghall-konvenut id-difiza li ma kellux animus spoliandi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenzi taghha "**<u>Buhagiar vs Farrugia</u>**" (11 ta' Novembru 1997) "**<u>Bonanno vs Bartolo et</u>**" (5 ta' Ottubru 1998) u "**<u>Azzopardi et vs Galea</u>**" (26 ta' Jannar 2007) – " … m'ghandux ragun fl-aggravju tieghu (l-appellant) rigwardanti l-allegat nuqqas ta' animus spoliandi. Fl-azzjoni de quo, u cioe' ta' spoll privileggat, l-aspett ta'*

*animus spoliandi ma jidholx. Il-ligi taghna hija, a differenza ta' ligijiet ohra kontinentali, tali li tittutela l-pussess kontra kull spoll minghajr il-htiega tal-prova li l-ispoll ikun sar bl-intenzjoni specifika maghrufa bhala animus spoliandi.* ...

*Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll (u cioe' t-tieni element) mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm vis atrox jew vie di fatto imma bizzejjed li jkun hemm* ***nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll****. Ghalhekk il-vjolenza m'hemmx bzonn li tkun materjali. (****PA/AM – 26 ta' Jannar 1957 "Dimech vs Fenech et"****)*

*Din is-sentenza tikkwota lil* ***Belfiore*** *li fuq l-iskorta tal-gurisprudenza Taljana jaghmel dawn ilkonsiderazzjonijiet li huma applikabbli ghall-kaz taht esami –*

***"Non basta ad eliminare la violenza all'altrui volonta' un semplice preavviso ne' si puo' ritenere la mancanza di risposta come adesione ma' e' necessario il consenso, ammenocche' questo non si possa fondatamente desumere, non occorrendo che il permesso sia ad ogni modo espresso. Ma non si puo' ammettere il consenso solo perche' chi si duole della spoglio, essendo stato presente all'atto, non si sia opposto o non abbia protestato ; perche' se la presenza fa' venire meno la clandestinita', non puo' dirsi che non ricorra la vis per il fatto del contegno passivo del possessore, giacche' piu' che interpretare il silenzio sempre come consenso, bisogna vedere se esso nel caso***

***concreto suoni tale - non semper qui tacuit consentire videtur [Digesto Italiano, Reintegrazione (Azione di) p.20]***

*Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha "**Zahra vs Carabott**" deciza fit-2 ta' Dicembru 1955 wara li ssostni li sabiex jigi sodisfatt it-tieni rekwizit, ma hemmx bzonn ta' vis atrox u cioe' xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga, tkompli tafferma li dik il-vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret **kontra l-kunsens** tal-possessur.*" (**John Mifsud et vs John Giordemaina et**, ġia ċitata supra).

**20.** Li l-operi imwettqa mill-konvenuti saru mingħajr il-kunsens tal-Attur qua possessur. Dan jirrisulta evidenti mill-analiżi tal-fatti kif sewwa estrapolati mill-atti fil-proċess, kondotta mir-rappreżentant legali tal-Attur fin-nota tiegħu (a' fol 338 u sa 340). Dan b'mod partikolari mill-ammissjoni tal-konvenuti stess fl-affidavit tagħhom fejn stqarrew li, bħala d-diretturi tas-Soċjetá li xtrat din l-għalqa, qabdu u ħadu l-liġi f'idejhom billi stallaw arbitrarjament ix-"*xatba pulita fil-fetħa tal-ħajt mat-triq u blokki tal-concrete mal-ġenb tagħha fuq l-isqaq, fejn hemm xi fetħiet ... biex ngħalqu kull aċċess...għaliex aħna kolnna nafu li l-għalqa xtrajnieha vojta, mingħajr gabilotti, u ma ridniex li jkollna inkwiet*". Dan meta jirriżulta jirrisulta il-kuntrarju mir-ritratti preżentati, li l-għalqa ma kienetx vojta iżda kienet qiegħda fil-fatt tinħadem mill-Attur (a' fol 23 sa 29). Dan biex ma jingħadx ukoll mill-fatti l-oħra diga' spjegati aktar 'l fuq.

**Infra bimestre deuxisse**

**21.** Fl-affidavit tiegħu l-Attur isostni li l-att spoljattiv seħħ "għal ħabta tal-15 ta' Settembru 2011" (fol 20 para 8). Din id-data ma ġiet fl-ebda stadju tal-proċeduri kontestata mill-konvenuti. Il-Qorti tqis għalhekk din id-data bħala dik li fiha sar l-ispoll mill-konvenuti. Din l-azzjoni ġiet istitwita fit-3 ta' Novembru 2011 u għalhekk entro t-terminu ta' xahrejn preskritt mill-liġi.

**22.** Isegwi għalhekk li t-tlett elementi neċessarji sabiex din l-azzjoni tista tiġi nvokata b'suċċess ġew fil-fatt sodisfatti.

**23.** Fit-tieni eċċezzjoni l-Konvenuti jissollevaw li m'humiex il-leġittimi kontradittturi f'din l-azzjoni minghajr ma jindikaw lil xi terza persuna ohra. Iżda fl-affidavit tagħhom il-Konvenuti stqarrew li l-att spoljattiv hawn ilmentat ġie fil-fatt kommess minnhom. Il-Konvenuti għalhekk huma l-"awturi tal-ispoll". L-insenjament fuq dan il-punt, kif ukoll kwotat mill-Attur fin-nota tiegħu a' fol 311, huwa ċar u ma jħalli ebda lok ta' dubju li *"L-**artikolu 535 tal-Kap 16** jghid li l-persuna spoljata tista' titlob b'azzjoni "kontra l-awtur tal-ispoll" li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess. Gie ritenut li "lo spoglio essendo un fatto comesso a danno di un altro non puo' essere imputato se non alle persone che lo commisero, of a qelle per comando delle quali fu commesso" (A.G. 1 Febbraio, 1877 **Zerafa v Micallef**)."* (**Dave Alan Caruana vs Domenic Grech, 28 ta' Jannar 2016, Qorti Ċivili Prim' Awla**).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Konvenuti.**

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li bl-aġir tagħhom il-Konvenuti Philip Fenech u Carmelo Fenech ikkomettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-Attur.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u sussegwentment tikkundanna lill-istess Konvenuti jispurgaw l-ispoll minnhom kommess billi jerġgħu jirrintegraw lill-Attur u jagħtuh aċċess sħiħ u liberu tal-imsemmija raba magħrufa bħala "Ta Bur ta' Harrub ta' Kortin fil-limiti ta' Ħal Far kif magħrufa ukoll bħala "Clausura ta' Bur ta' Harrub ta' Kortin" fil-limiti ta' Hal Far kkonfinanti mil-Lbiċ ma triq pubblika bla isem, mit-Tramuntana u Majjistral ma' sqaq komuni bla isem.

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-istess Konvenuti sabiex fi żmien tlett (3) xhur jneħħu x-xatba (gate) u l-blokki tal-konkos u l-oġġetti kollha li saru biex jimbarraw l-aċċess sħiħ u liberu lill-Attur biex ikun jista' jerġa jiġi ri-ammess fil-pussess sħiħ u liberu u jkun jista jidħol u joħroġ u jaħdem l-imsemmija raba magħrufa bħala "Ta' Bur ta Ħarrub ta' Kortin fil-limiti ta' Ħal Far kif magħrufa wkoll bħala "Clausura ta' Bur ta' Ħarrub ta' Kortin" fil-limiti ta' Ħal far kkonfinanti mil-Lbic ma triq pubblika bla isem;

**Tilqa' r-raba talba attriċi** u torda li fin-nuqqas li l-Konvenuti jonqsu milli jagħmlu dak lilhom ordnat fit-tielet talba, tawtorizza lill-Attur sabiex jagħmel dak kollu meħtieġ billi jneħħi x-xatba (gate) u l-blokki tal-konkos u l-oġġetti kollha li saru biex jimbarraw l-aċċess sħiħ u liberu lir-rikorrenti ħalli jkun jista' jerġa jiġi ri-ammess fil-pussess sħiħ u liberu u jkun jista' jidħol u joħroġ u jaħdem l-imsemmija raba magħrufa bħala "Ta Bur ta' Ħarrub ta' Kortin fil-limiti ta' Ħal Far kif magħrufa ukoll bħala "Clausura ta' Bur ta' Ħarrub ta' Kortin" fil-limiti ta' Ħal Far kkonfinanti mil-Lbiċ ma triq pubblika bla isem u dan taħt is-superviżjoni tal-Perit Mario Cassar li qed jinħatar appositament mill-Qorti ai fini ta' din it-talba.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**